**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 457/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rodrick Spiteri)**

**vs.**

**Darren Galea**

Illum 16 ta' Novembru 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq Darren Galea ta' 34 il-sena, iben Marco u Rita xebba Borg, mwieled Pieta' nhar it-22 ta' Mejju 1983, residenti 193, Maison D'Amore, Fl2, Triq Anglu Mallia, Birkirkara, karta ta' l-identita' numru **273083(M)**.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn 21:00hrs ta' nhar it-3 ta' Settembru 2017 u 00:30hrs ta' nhar l-4 ta' Settembru 2017, u l-granet ta' qabel, gewwa ghalqa li

tinsab aktar il-gewwa mis-sezzjoni tal-forensika ta' l-iSptar Monte Carmeli fi Triq l-Imdina, Attard, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Volontarjament tghajt in-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa.

2. Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' *Philip Cutajar* u/jew persuni ohra; fejn l-ammont tal-ħsara hi aktar minn ghelfejn u hames mitt euro (2,500).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2018, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

[1] Folio 13 ta' l-atti processwali
[2] Folio 18 u 20a ta' l-atti processwali

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2020 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti mill-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Ottubru 2020.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Frar 2021.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

---

[3] Folio 157-159 ta' l-atti processwali

[4] Folio 168 ta' l-atti processwali

Illi dan l-incident irrizulta nhar it-3 ta' Settembru 2017 ghal-hdax ta' filghaxija meta gie rapportat lill-pulizija li kamra gewwa ghalqa li hija ta' certu Philip Cutajar giet mahruqa.  Illi mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li n-nar fil-kamra kkawza hsara estensiva u li gew distrutti diversi oggetti li kienu jinstabu fiha.  Illi wara li l-pulizija komplew jinvestigaw nies li kienu suspettuzi, irrizulta lill-pulizija li l-imputat kien il-persuni li mar u qabad bin-nar lill-kamra.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018 xehed **il-parte civile Philip Cutajar** li pprezenta zewg dokumenti konsistenti f'inventarju ta' affarijiet li ntilfu fil-hruq bi stima approssimattiva tal-valur taghhom kif ukoll kwotazzjoni rilaxxjata mill-kuntrattur J.P. Azzopardi ghar-rikostruzzjoni tal-kamra li nharqet.

Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 xehed **il-Perit Nicholas Mallia**, li kien mahtur bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti Dr Donatella Frendo Dimech sabiex jirrelata fl-atti tal-inkjesta dwar il-hsarat li sehhew rizultat tal-hruq. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019 xehed **David Borg Saydon**, li ukoll kien mahtur bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Fl-4 ta' Settembru 2017 huwa acceda fuq il-post fejn kien sehh in-nar u beda l-access fuq il-post. Gie stabbilit waqt l-istess access li n-nar ma kienx sar dakinhar imma xi gurnata jew jumejn qabel u dan minhabba li l-kamra kienet digà kiesha. Irrizulta li ntefa' ammont konsiderevoli ta' accellerant go din il-kamra. Dan kien evidenti mill-qsim u l-kulur tal-gebla Maltija tal-kamra li jsehh biss jintlehqu certu temperaturi. Gie nnutat ukoll li

kienet sehhet bhal spluzjoni fejn ghola s-saqaf minhabba l-pressjoni li tinholoq bil-fwar u *vapours* li johloq l-accellerant. Madankollu c-cilindru tal-gass li kien hemm ma kienx sploda. L-ghada filghodu nstabu fuq il-post *lighter* u *t-shirt* li gew elevati. L-espert spjega li kien sar ukoll kuntatt mal-*Burns Unit* tal-isptar Mater Dei u dawn ikkonfermaw li dahlet persuna bi hruq konsistenti mal-marki fuq it-*t-shirt* li nstab.

Fis-seduta tal-11 t'April 2019 xehed **PS 609 James Robert Magro**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Birkirkara, li spjega li fl-4 ta' Settembru 2017 ghall-habta tas-19:30hrs dahal rapport minn certu Philip Cutajar li kient inharqitlu l-kamra li kellu fl-ghalqa, vicin il *Forensic Unit* tal-Isptar Monte Carmeli. Fuq il-post gie nnutat li kien hemm hsara konsiderevoli, il-bieb mifqugh u tarag garigor tal-hadid imwaqqa'. Mal-art kien hemm mannara li ma kienitx tal-kwerelant u kontenitur li kellha riha ta' pitrolju. Kienet infethet Inkjesta Magisterjali fuq l-incident. L-ghada dahlet informazzjoni li l-kwerelant kellu suspetti fi tlett persuni. Wiehed minnhom, li rrizulta li kien l-imputat Darren Galea, kien jinsab il-*Burns Unit* gewwa l-Isptar Mater Dei. Dan gie mitkellem wara li inghata s-soliti drittijiet u ghazel li ma jitkellimx ma Avukat. Galea stqarr li nqala' dizgwid bejnu u bejn Philip Cutajar u fid-daghdija dak il-hin mar il-pompa, mela kontenitur bil-pitrolju, ghadda min-naha ta' wara, dahal gol-ghalqa u qabbad il-kamra t'isfel fejn imbaghad kien spicca nharaq huwa stess. In kontro-ezami stqarr li d-dizgwid kien minhabba li l-imputat u Cutajar ghandhom l-ghelieqi hdejn xulxin u xi affarijiet relatati mal-kacca.

Fl-istess seduta xahed **PC 1027 Simon Micallef** , stazzjonat fl-Ghassa ta' Birkirkara, li flimkien max-xhud precedenti, irrisponda ghar-rapport ta' Philip Cutajar dwar hruq fil-kamra tal-ghalqa tieghu. Ix-xhud spjega li Cutajar kien qal li l-kamra kien halliha sew il-gurnata ta' qabel filghaxija u li kellu suspett fi

tlett persuni, wiehed minnhom l-imputat Darren Galea. L-ghada, ix-xhud akkumpanja lill-Ispettur Robert Spiteri u lil PS 609 James Robert Magro gewwa l-Isptar Mater Dei sabiex gie mitkellem l-imputat. Dan kien ghazel li ma jikkonsultax ma Avukat u fl-istqarrija li ta ammetta li kien ghamel il-hsara in kwistjoni billi qabbad in-nar. Aktar tard, fuq il-post kienet instabet il-*jerry can* li ntuzat biex ingarr l-accellerant li l-imputat stqarr li kien xtara mill-pompa li hemm vicin. Rizultat tal-hruq l-imputat spicca nharaq huwa stess tant li mar l-Isptar. L-imputat kien qal ukoll li s-sid tal-kamra kien ilu hafna snin jaqbad mieghu.

Fl-istess seduta xehdu **PS 122 Arthur Borg** u **PS 336 Francesco Imbroll**, stazzjonati fit-Taqsima Forensika li stqarru li kien inkarigati mill-Magistrat Inkwirenti bhala ufficjali tax-xena tar-reat. Huma halfu u pprezentaw ir-relazzjonijiet taghhom.

Fl-istess seduta rega' xehed **il-Perit Nicholas Mallia**. Huwa rrileva li skont l-istima ghat-tiswijiet fil-relazzjoni tieghu, qed jaqbel bejn wiehed u iehor mal-istima provduta mill-parte civile, b'dan li hemm biss €100 differenza. Mill-banda l-ohra, huwa sab diffikulta` bl-istima dwar l-oggetti mobbli li nqerdu bin-nar u dan minhabba li huwa ma kienx jaf l-istat taghhom ezatt qabel il-hruq u kkummenti li normalment, wiehed ma jpoggix affarijiet fini u tajbin fil-kamra tal-ghalqa. Per ezempju, l-espert sab diffikulta` bil-prezz ta' €1,800 moghti ghal apertura tal-aluminju, li wara kollox lanqas biss kien hemm prova jekk kienitx *second hand*. Ghalhekk, huwa vvaluta l-oggetti kollha li kienu gol-kamra bil-valur globali ta' €1,000.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehed **Dr John Sacco**, li ukoll kien mahtur bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali sabiex jeleva u janalizza filmati CCTV elevat minn Pit Stop Petrol and Service Station fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard, viċin tal-Isptar Monte Carmeli. Fil-filmati dehret persuna bejn 22:40 u 22:45 tat-3 ta' Settembru

2017 tasal b'vettura *pick-up* HHQ-014. Mill-vettura hareg ragel liebes flokk *camouflage*, u mela *jerry can* mill-pompa. Il-fotogrammi li juru dan kollu gew inkluzi fir-relazzjoni.

Fl-istess seduta xehdet **WPC Caroline Meilaq**, stazzjonata fit-Taqsima Forensika, li stqarret li fil-5 ta' Settembru 2017 accediet fuq il-post tal-incident fejn gibdet ghaxar ritratti.

Fl-istess seduta xehed **Stephen Cachia**, rapprezentant tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, li pprezenta informazzjoni dwar il-vetturi regitrati fuq isem l-imputat matul is-snin.

Fl-istess seduta xehdet **Gertrude Scerri**, ufficjal tal-Isptar Mater Dei, li pprezentat il-fajl mediku tal-imputat.

Fl-istess seduta xehed **Jean Paul Azzopardi**, li kkonferma illi huwa kien ghamel stima tat-tiswijiet necessarji wara li gie kkuntattjat mill-parte civile Philip Cutajar. Ix-xhud spjega li x-xoghol kien jirrikjedi l-uzu ta' gaffa sabiex jitnaddaf is-sit, u ghalhekk l-istima tinkludi d-demolizzjoni tal-istruttura li kien baqa' u l-garr u rimi tat-terrapien rizultanti. In kontro-ezami ix-xhud irrileva li ma kienx jaf kif kienet l-istruttura originarjament ghax huwa raha wara li kien sehh il-hruq u ma kienx jaf jispjega jekk il-kamra originali kelliex pedamenti kif suppost. Stqarr li meta mar fuq il-post, seta' jara li kien hemm parti mis-saqaf tal-kamra originali li kienet tal-konkrit u b'hekk eskluda li dan kien kollu tal-pjanci. Stqarr ukoll li huwa ma dahalx fil-kwistjoni jekk kienx hemm permessi tal-bini jew le fir-rigward tal-kamra.

Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020 rega' xehed **il-parte civile Philip Cutajar** li stqarr li l-ghalqa fejn hemm il-kamra hija ta' certu Albert Philip Camilleri li kien ihallih juzaha *bona gratia*. Huwa kien ilu juza l-ghalqa u l-kamra ghal hafna snin, madwar tmintax-il sena, tant li kien jaf lill-imputat sa minn qabel ma dan kellu t-tfal. Spjega li meta beda jmur hemm il-kamra kienet diga` mibnija. Fir-

rigward tal-oggetti li kien hemm gol-kamra, il-parte civile stqarr li dawn kienu tieghu.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021 xehed **Glenn Grixti**, ufficjal tad-*Department of Probation and Parole* li kkonferma lihuwa ghamel is-*social inquiry report* relattiv ghall-imputat Darren Galea. Spjega li l-imputat ma kellux fedina pedana allarmanti, ghandu xoghol stabbli, ghandu relazzjoni tajba mal-familja u ma jabbuzax minn sustanzi illeciti. Ghalhekk, huwa rrakommanda li l-imputat ma ghandux jinghata piena karcerarja izda sentenza ta' xoghol fil-komunita`, li tkun aktar addattata fic-cirkostanzi.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' hruq bla periklu ghall-hajja tan-nies**

L-imputat tressaq taht id-disposizzjoni ta' l-artikolu 318 tal-Kodici Kriminali li jghid:

*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura,għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqtma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura,għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruqf'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xipersuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

Illi t-test ta' x'ghandu ikkunsidrat bhala prova ta' l-element materjali ta' dan ir-reat, il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja**[5] fejn il-Qorti tidhol fid-dettal fil-prova ta' l-element materjali tar-reat. Fost diversi referenzi l-Qorti ghamlet is-segwenti referenzi:

[5] Appell Kriminali, Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, Deciza 3 ta' Dicembru 2004; Appell Numru 14/2002

*"Il-MAINO ("Commento al Codice Penale" (Vol. II. P. 121) jikkummenta hekk dwar l-element materjali tarreat in dizamina :-*

*"…non e' necessaria alla consumazione del reato la totale distruzione di cio' che si voleva abbruciare : basta che il fuoco si sia appiccato alla cosa . E anche questa formola non deve essere presa troppo alla lettera – nel senso , per esempio , che si tratta d' incendio d'una casa occorra che il fuoco siasi appreso a quei combustibili che per essere fixta et iuncta fanno parte integrante della casa medesima : quando anche il fuoco sia stato appiccato a mobili , masserizie ed altro colla possibilita' di estendersi a tutta la casa , il reato e' perfetto quantunque ancora il fuoco non siasi appreso ai palchi , alle travi, agli usci . Il fuoco appiccato non e' tentattivo , ma reato consumato : il tentattivo si puo' avere soltanto in atti precedenti che ancora non abbiano prodotto la excitatio ignis."*

*L-istess jghid il-CARRARA (Programma del Corso di Diritto Criminale, Parte Speciale , Vol. 6.p.210) "incendium est delictum , quo ignis periculosus excitatur" , Accetto questa definizione , e sulla medesima vado a cercare I criterii essenziali di questo malefizio."… "Siffatti criterii essenziali si riducono a due – 1. Lo eccitamento del fuoco – 2. il pericolo . La prima formula determina il momento consumativo del reato , il quale , per commune consenso di tutte le scuole , non si deve attendere dalla totale distruzione di cio' che voleva abbruciarsi , ma si esaurisce tostoche' il fuoco e' appiccato alla cosa . La seconda formola esprime veramente la caratteristica costutuente il titolo d' incendio come delitto contro la pubblica tranquillita', perche' se a commuovere questa non e' necessario il danno universale effettivo, e' pero' indispensabile almeno la potenzialita' di un danno estensibile ad un numero indefinito di cittadini."*

*L-istess jghid ADOLFO ZERBOGLIO "Trattato di Diritto Penale" (Vol. VIII, "Delitti contro la pubblica incolumita'", p. 41) :- "Il delitto si compie con l'appiccare il fuoco , di cui e' poi conseguenza l' incendio"*

*Fil-ligi Ingliza kontemporanja li ukoll kienet tixbah hafna jekk mhux addirittura kienet kwazi identika ghad-dispozizzjoni taghna in dizamina u li qabel ma dahal in vigore il-*

*Criminal Damage Act,1971,(Sec. I (3)) kienet regolata bil-Malicious Damage Act , 1861 (Sections 2 u 3), il-gurisprudenza hija li :-*

*"For the offence to be complete some property must be destroyed or damaged by fire. The damage may of course be quite insignificant (it would be enough for example, that wood is charred) but there must be some damage by fire; it would not be enough if property is merely blackened by smoke though there might well be an attempt in such a case." (Cf. Parker (1839) 9 C & P 45) (Ara SMITH & HOGAN, Criminal Law 4 th. Edit. p. 670.) 4ARCHBOLD ("Criminal Pleading, Evidence and Practice", 31st . edit. p. 793) meta jikkummenta fuq lartikoli relattivi jghid:- "the words in the Malicious Damage Act, 1861, ss. 1-7, are "set fire to" (identici ghall-kliem fit-test Ingliz talKodici Kriminali, Kap.9) merely; and therefore it is not necessary to aver in the indictment that the house , etc. was burnt ; nor need it be proved that the house, etc. was actually consumed, nor that any flame was visible: R. v. Salmon , R. & R. 26 ; R. v. Stallion , 1 Mood . 398…..But the burning and consuming of any part of the house, however trifling, is sufficient, although the fire is afterwards extinguished : 1 Hawk . c. 39 s. 17; 3 Co. Inst. 66; Hale 569; Dalt. C. 159. Where on an indictment …it was proved that "the floor of a room was scorched; that it was charred in a trifling way; it had been a red heat , but not a blaze" , this was held a sufficient burning to support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B. support an indictment : R. v. Parker , 9 C. & P. 45, Bosanquet , J. , and Parke, B."*

Il-Qorti fl-istess sentenza kompliet biex tiddikjara:

*"Illi fid-dawl ta' dawn il-principju kif fuq enuincjati w a bazi tar-rizultanzi f' din il-kawza, indipendentement mill-kwistjoni ta' min kien l-awtur, din il-Qorti m'ghandha ebda ezitazzjoni li tghid li l-appikkar ta' nar b' likwidu nfjammabbli bhal ma hu l-petrol , mallbieb ta' barra, li qabad bix-xambrelli b'kollox u bi hsarat ghall-arkata tal-gebel ta' fuqu w meta sahansitra l-likwidu nfjammabbli jippermeja minn taht il-bieb u jinfirex fuq il-partijiet tad-dar il gewwa millbieb, fejn sahansitra nqasam madum bin-nar u b'perikolu car u manifest li jaqbdu, twapet, ghamara, suppellettili, purtieri w oggetti*

*ohra li jkunu vicin dan il-likwidu nfjammabbli, zgur li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat indikat fl-ewwel kap. Meta hu risaput li l-mod prevalenti ta' kostruzzjoni f' dan il-pajjiz huwa l-gebel li ovvjament ma jaqbadx minnu nnifsu, wiehed ma jistax logikament u bil-buon sens jippretendi li lligi ghandha tigi interpreta li biex isehh ir-reat in dizamina irid jaqbad il-gebel tad-dar. Bizzejjed li jaqbdu anki ftit jew aktar mill-oggetti nfjammabbli li flimkien mall-gebel u fixtures ohra jikkomponu dar t' abitazzjoni jew jghammruha, b' mod li joholqu lperikolu potenzjali jew ghall-inkolumita' tal-okkupanti jew ghall-istess proprjeta' biss (fil-kaz tas-subinciz (b) ), biex ikun kunsmat ir-reat. F' dan il-kaz irrizulta li qabad u gie danneggjat il-bieb ta' barra li hu parti ntegrali mid-dar ghax ma tistax tikkoncepixxi dar minghajr bieb ta' barra, x-xambrelli w gie danneggjat l-gebel ta' l-arkata, kif ukoll li bin-nar li kien qed jaqbad fuqhom, inqasmu uhud mill-madum tal-entrata fuq gewwa w dan ghalhekk ma jista' jhalli ebda dubju li dan kien kaz ta' reat t' incendiu doluz."*[6]

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Regina v G and R**[7] fejn intqal mill Lord Bingham of Cornhill

*"In any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'32 'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that*

[6] Folio 10 tas-sentenza
[7] HL 16 ta' Ottubru 2003

*inference, then, in as much as the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[8]

*Lord Diplock qal: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[9]

Illi skond Blackstone Criminal Practice:

*"Arson differs from simple or aggravated criminal damage only in that the destruction or damage to the property must be set 'by fire'. Quaere whether this might extend to damage caused, for example, by water in saving the property from imminent destruction by the fire, or by a fall resulting from the collapse due to fire of a structure on which the property had stood."*[10]

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Il-verzjoni tal-vittma

Illi dak in-nhar ta' l-incident, il-vittma kien gie mitkellem u indika li kellu suspett fi tlett persuni, wiehed minnhom l-imputat. Ir-raguni kienet ghaliex l-imputat u l-vittma ma kienux jitkellmu u kienu iggieldu bejniethom xi zmien qabel u baqghu ghaddejin bl-inkwiet bejniethom. Il-vittma sar jaf li l-imputat

[8] Regina v Harris:18 (1882) 15 Cox CC 75
[9] Regina v Miller: HL 17 ta' Marzu 1982
[10] Blackstones Criminal Practice, 2006, B8.24

kien dahhal l-isptar dak in-nhar minhabba konsegweni ta' xi hruq, li apparentement kienu minhabba xi *barbeque*.[11]

Il-vittma kien ukoll irrakonta u ta l-verzjoni tieghu lill-espert Dr. John Sacco. Fil-verzjoni li ta' lil espert jerga itenni l-istess fatti kif ukoll li jipprovdi stima tal-hsarat li garrab.

Illi dawn il-fatti gew ukoll ikkoroborati mix-xhieda ta' PS 609 James Robert Magro[12] u PC 1027 Simon Micallef li kienu attendew fuq il-post wara l-incident u li l-ghada kienu gabru CCTV cameras minn pompa tal-petrol li kienet fl-akwati.

<u>Inkjesta Magisterjali</u>

Illi dak in-nhar ta' l-incident infethet inkjesta magisterjali mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech li minnha kienu gew mahtura diversi esperti.

Illi mir-rapport ta' l-espert PC 1491 Kurt Attard irrizulta li gew elevate diversi oggetti relatati ma' l-ghoti tan-nar.

Fil-konkluzjonijiet tieghu, PC 1491 Kurt Attard jghid:

*"Illi l-esponenet eleva dokumenti liema dokumenti gew ddokumentati skont il-kodici tal-Laboratorju Forensiku u deskritt kif gej:*

*17 CBO 201A Landa ta' lewn abjad kontinenti likwidu ta' lewn ahdar*

*17CBO 201B Likwidu ta' lewn ahdar li kien gewwa DOC 17 CBO 201A."*[13]

Illi mir-rapport ta' l-espert tabib Dr. Jonathan Joslin irrizulta li l-imputat sofra diversi griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza ta' hruq bin-nar fuq gismu.

---

[11] Folio 12 ta' l-atti processwali
[12] Folio 123-126 ta' l-atti processwali
[13] Folio 38 ta' l-atti processwali

L-espert ikkonkluda

*"Illi konsekwent ta' dawn il-griehi ta' hruq huwa sofra hriehi ta' 'partia hickness burns' fi 13% ta' gismu specifikament f'wiccu, f'ghonqu, f'zaqqu, f'dahru kif ukoll fid-dirghajh it-tnejn. Dawn il-griehi huma klassifikati ta' natura gravi u ddahhal fid-Dipartiment tal-Burns Unit tal-Isptar Mater Dei. Dawn il-griehi kienu kkagunati meta pogga suffarina tixghel ma' likwidu li jaqbad jew li kien fjammabli li huwa stess ikkonferma li kien petrol."*[14]

Dawn il-fatti gew ikkorborati mil-fajl mediku ta' l-imputat li gie esebit minn ufficjali ta' l-Isptar Mater Dei.[15]

Illi mir-rapport ta' l-espert David Borg Saydon[16] irrizulta *"li ntefa' ammont konsiderevoli ta' accellerant go din il-kamra. Ir-raguni kienet li l-kamra per se li hija kamra f'ghalqa ma fihiex materjal kombustibli bhalma nsibu go salott tad-dar. Huma limitat allura certu temperature li jitilghu biss meta jkun hemm xi tip ta' accellerant li jghin, li fih nnifsu l-accellerant itella' t-temperatura."*[17] L-espert ikkonferma wkoll li fuq il-post instabu affarijiet li ntuzaw biex tkissru jew tqattghu xi affarijiet.

Mir-rapport ta' *Scene of the Crime Officer* PS122 Arthur Borg irrizulta li fuq il-post ta' l-incident, instabu u gew elevati manara b'manku iswed kif ukoll *lighter* ta' lewn ahdar bl-orangjo.[18]

Mir-rapport ta' *Scene of the Crime Officer* PS 336 Francesco Imbroll irrizulta b'mod car permess ta' ritratti ix-xena ta' kif u fejn sehh l-incident in kwistjoni. Mir-ritratti jidher b'mod car il-hsara estensiva li saret kemm barra kif ukoll gewwa l-kamra kif ukoll ritratti ta' fejn instabet il-manara u l-*lighter.*[19]

---

[14] Folio 62 ta' l-atti processwali
[15] Dok GS1, Folio 198 ta' l-atti processwali
[16] Dok DBS1, Folio 101-117 ta' l-atti processwali
[17] Folio 99 ta' l-atti processwali
[18] Dok AB1, Folio 132-135 ta' l-atti processwali
[19] Dok FI1, Folio 139-152 ta' l-atti processwali

Mir-rapport[20] ta' l-espert Dr. John Sacco li eleva filmati ta' CCTV minn post go H'Attard, specifikament Pit Stop Petrol and Service Station, vicin l-Isptar Monte Carmeli irrizulta li fuq l-istills seta' jigi kkonstatat

*"…vettura tat tip pick ip bin-numru tar-registrazzjoni HHQ 014 tasal fil-Pit Stop Service Station. Mill-bieba tan-naha tax-xuffier tal-vettura tohrog persuna liebsa flokk camouflage, igib jerry can mill-vettura imbaghad tidher idahhal in-nozzle tal-pompa tal-fuel fil-jerry can. L-istess persuna tpoggi l-pompa tal-fuel f'posta, tidhol fil-vettura bl-istess jerry can u ssuq 'l hemm."*[21]

Illi minn l-istess still johrog b'mod car id-dehra ta' l-imputat u ritratt partikolari minnhom l-imputat jidher qed ihares lejn il-camera u jidher b'mod car id-dehra ta' wiccu, figurtu u hwejjgu.[22]

Mix-xhieda ta' Stephen Cachia[23] ma irrizultax li din il-vettura hija registrata f'isem l-imputat u ma tressqitx prova ghand min hi registrata l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HHQ 014.

Illi mir-rapport tas-*Scene of the Crime Officer* WPC 363 Caroline Meilak jirrizultaw iktar ritratti tax-xena ta' l-incident. F'dawn ir-ritratti jidher ukoll il-*jerry can* inkluz it-tap tieghu b'likwidu go fih.[24]

Stqarrija ta' l-imputat

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[25] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-5 ta' Settembru 2017 10 ta' Gunju 2019, u cioe jumejn wara l-incident gewwa l-Isptar Mater Dei, Fil-*Burns Unit* fil-prezenza ta' l-Ispettur Roderick Spiteri u ta' PS 609

---

[20] Dok JS1, Folio 177 ta' l-atti processwali
[21] Folio 173 ta' l-atti processwali
[22] Vide l-ahhar ritratt fir-rapport mhux enumerat.
[23] Dok SC1, Folio 195 ta' l-atti processwali
[24] Folio 188, 190 u 191 ta' l-atti processwali
[25] Folio 6-8 ta' l-atti processwali

J. Magro u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.[26]

Illi fl-istqarrija l-imputat Darren Galea ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien prezenti fuq il-post fejn sehh l-incident. Jghid:

*"Il-Hadd kienu xi l-11.00hrs ta' filghaxija u jiena mort H'Attard wara l-Isptar Monte Carmeli u pparkjajt hemmhekk. Gejt minn sqaq fejn hemm id-dealer ta' Gatt. Ipparkjajt fil-ghalqa tieghi u nzilt, qlajt giex (2) xbieli u abbejthom gol-vann u kelli gallon petrol 5 euro kollox, kien go landa bajda u xhidhu fil-kamra u waddabt il-landa fis-sigra. Il-kamra li juza Philip Cutajar fl-ghalqa tieghu. Qbadt il-lighter xghelt bicca drapp u waddabtha gol-kamra. Dak in-nar ha mal-ewwel u qabadli l-flokk tal-camoflauge, jiena nehhejtu immedjatment minn fuqi u xhedtu fl-art.*

……

*Jiena nixtieq nghid illi ghamilt hekk f'sahhna ta' rabja minhabba."*[27]

Fl-istqarrija l-imputat ammetta wkoll li kien wahdu meta wettaq dan id-delitt u anke ikonferma minn fejn xtara l-petrol sabiex iqabbad in-nar.

[26]Folio 9 ta' l-atti processwali
[27] Folio 7 ta' l-atti processwali

Fl-ahhar ta' l-istqarrija, l-imputat juri dispjacir ta' ghemilu u jispjega li dak li ghamel kien f'sahhna ta' mument minhabba l-inkwiet li kien ilu jkollhom bejniethom u li fl-ahhar ma ssaportiex aktar u ghamel iz-zball li ghamel.[28]

Illi mill-evidenza migbura mill-pulizija gie kkonfermat li fuq il-post instab flokk tal-*camoflauge* li kellu partijiet minnhom mahruqin.[29]

Illi wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxilia tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-ewwel imputazzjoni imressaq kontra l-imputat u sejra taghddi sabiex ssib htija dwarha.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni**

Illi meta xehed il-vittma viva voce, esebixxa lista ta' hsarat estensivi li soffra fil-kamra li nghatat nar.[30] Illi l-hsara lejn dawn l-oggetti kellhom valur globali ta' €6,762.27.

Il-vittma esebixxa wkoll stima ta' hsarat li graw lil-kamra tan-nar u l-ispejjez li kien hemm involuti sabiex issir it-tiswija shiha ta' din il-kamra. L-ammont ta' hsarat lill-kamra kienu fl-ammont ta' €5,627.29.[31] Illi din is-stima giet ikkonfermata mix-xhud Jean Paul Azzopardi li kien hareg l-istima.[32]

---

28 Folio 8 ta' l-atti processwali
29 Folio 110-111 ta' l-atti processwali
30 Dok PC1, Folio 21 ta' l-atti processwali
31 Dok PC2, Folio 22 ta' l-atti processwali
32 Folio 199-209 ta' l-atti processwali

B'hekk il-valur ta' hsara globali li soffra l-vittma kienet fl-ammont globali ta' €12,389.56.

Illi mir-rapport tal-espert perit Nicholas Mallia[33] irrizulta li:

1. L-kamra u l-kontenut taghha nharqu b'mod kwazi komplut fin-nar,
2. Li l-garigor tal-hadid li kien jintuza ghall-access ta' *lookout*, kien imwaqqa',
3. Li instabet *lighter* tas-sigaretti vicin il-kamra mahruqa, li s-sid ma gharafx bhala propjeta' tieghu,
4. Li instabet qmis jew T-shirt vicin il-kamra mahruqa, li s-sid gharafx bhala propjeta' tieghu,
5. Li l-perit spezzjona l-fdalijiet tal-oggetti mahruqa mas-sid Philip Cutajar sabiex jipprepara l-lista tal-hsarat.

Illi din il-hsara tidher fir-ritratti li kienu jifformaw parti mill-istess rapport.

Fl-istess rapport, il-perit jaghmel elenku ta' oggetti li lilhom gie ikkawzat hsara.

In konkluzjoni l-espert jghid li:

*"In-nar ghamel hsara sostanzjali lill-istruttura ta' din il-kamra u hi l-opinjoni tal-esponent li l-kamra tista' biss titwaqqa' u terga' tinbena. L-esponent kejjel b'mod approssimattiv il-kamra u sab kejl superficjali ta' madwar 13-il metru kwadru. Ibbazata fuq dan, l-ispiza biex titwaqqa' l-kamra, jintrema l-materjal u terga' tinbena hi ta' madwar 5,500 ewro.*

*Waqt l-access, l-esponent ifformula opinjoni dwar it-tip u l-kwalita' tal-finishes u l-ghamara f'din il-kamra. Mill-bicciet li ma nharqux, l-esponent wasal biex jiddeduci li ma kienx hemm affarijiet ta' valur sostanzjali u x'aktarx kienu qodma jew skartati minn*

[33] Dok NM, Folio 34-40 ta' l-atti processwali

*postijiet ohra. Madankollu l-esponent xorta wahda jaghti valur ghall-hin li l-vittma ghandu jinvesti biex ilesti u jarma l-kamra kif kienet qabel li jinkludi twahhil ta' madum, bieb u tieqa, tibjid u garr ta' ghamara uzata. Ghal dan l-ezercizzju, l-esponent jattribiwixxi l-valur ta' 1,000 ewro.*

*Sabiex jerga jintrama l-garigor tal-hadid li nstab imwaqqa' fil-hin tal-access, l-esponent jattribwixxi spiza ta' 150 ewro.*

*Ghaldaqstant l-esponent jikkonkludi li n-nar ikkaguna hsara ta' madwar 6,550 ewro."*[34]

Illi nhar il-20 ta' Frar 2019, b'digriet tal-Qorti, l-espert perit gie ordnat sabiex jerga jiehu konjizzjoni tal-atti, inkluz partikolarment dokumenti Dok PC1 u Dok PC2 esebit mill-vittma Philip Cutajar sabiex jiddetermina b'aktar precizjoni x-xogholijiet li saru mill-parte civile u jipproduci *break down* tal-ispejjez kollha indikati minnu, relativament li ga twettqu u anke li ma twettqux fil-jum li jipprezenta r-relazzjoni addizzjonali.[35]

Fir-rapport addizzjonali ta' l-espert perit, jikkonferma l-valur tal-hsara sabiex issiru x-xogholijiet ta' tiswija gol kamra. Madankollu rigward il-valur tal-hsara gewwa l-kamra l-espert tenna li ma kienx f'posizzjoni li jaqbel ma' l-istima tal-vittma minhabba l-fatt li l-oggetti li kienu fil-kamra kellhom certu uzu u ma kienux affarijiet godda jew ta' kwalita fl-ahhjar stat taghha. In kontro ezami l-perit ikkonferma li *"Its guess work, fl-opinjoni personali tieghi x'nahseb li seta kien."*[36]

Illi sussegwentement il-vittma kien esebixxa affidavit[37] li biha iressaq il-prova li ghandu dritt juza l-art u l-kamra in kwistjoni mis-sid, certu Albert Philip Camilleri. Illi dan id-dokument iggib id-data 11 ta' Mejju 2020 u l-vittma jispjega li dan id-dokument sar ricentement ghall-finijiet tal-Qorti izda ilu

---

[34] Folio 38 ta' l-atti processwali
[35] Folio 97 ta' l-atti processwali
[36] Folio 155 ta' l-atti processwali
[37] Dok PC1, Folio 246 ta' l-atti processwali

jaghmel uzu minn din il-kamra ghal snin twal, ta' iktar minn tmintax-il sena u li din il-kamra kienet diga mibnija hemm.[38]

Madankollu l-prosekuzzjoni ma ressqitx lil dan il-persuna Albert Philip Camilleri sabiex jikkonferma dan id-dokument u dawn il-fatti kif imressqa u lanqas ma gie indikat mill-prosekuzzjoni bhala l-parte civile ghall-finijiet tal-hsara li gie maghmula.

Illi mill-provi mressqin ma huwiex kontest li saret hsara estensiva lill-kamra u dak kollu li kien go fiha u li l-valura jammonta ghal €5,627.29. Mandankollu filwaqt li l-parte civile kien hu stess li indika u informa li l-kamra mhiex tieghu izda ta' haddiehor, il-prosekuzzjoni ma ressqitx prova ta' min huwa s-sid tal-kamra u li l-hsara tal-kamra soffriha hu. Dan qed jinghad ghal-finijiet ta' kunsiderazzjonijiet ta' kumpens li tista taghmel din il-Qorti.

Illi rigward l-kontenut ta' l-oggetti ma kienx hemm qbil bejn l-espert perit u l-parte civile dwar il-valur ta' l-oggetti. Illi mill-provi jirrizulta li l-parte civile ilu jaghmel uzu ta' din il-kamra ghal iktar minn tmintax il-sena u b'hekk huwa rageonevoli li wiehed iqis li l-oggetti li jinsabu f'din il-kamra huma kollha tieghu.

Il-perit ikkonstata l-valur ta' l-oggetti ghal madwar elf Euro, filwaqt li l-parte civile ivaluta l-oggetti li gew mahruqa fl-ammonta ta' €6,762.27. Illi meta l-perit rega gie mitlub jevalaw il-kalkolazzjoni tieghu tenna li fl-ahhar mill-ahhar il-valutazzjoni kienet *guess work*. Madankollu l-valur li wasal ghalih kien ragonevoli tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li ghamel li din hija kamra go ghalqa u l-affarijiet kienu ilhom f'din l-istess kamra.

Il-Qorti ghalhekk tqis li in vista ta' din id-dipartenza bejn l-espert perit u l-parte civile stess, li l-iktar konsiderazzjoni ragonevoli sabiex jigi kkunsidrat il-valur

[38] Folio 220 ta' l-atti processwali

tal-hsara hija li tiehu t-triq tan-nofs u tqis li l-valur tal-hsara ta' l-oggetti ghandhom jigu kkunsidrati fl-ammont ta' €3,381.

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni wkoll li l-imputat u l-parte civile ftehmu bejniethom u li l-imputat ghadda s-somma ta' €3,750 ghas-saldu ta' kull pretensjoni naxxenti mis-segwenti proceduri.[39]

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni gie ppruvat u li l-ammont ta' hsara li sar ghad-detriment ta' Philip Cutajar huwa ta' aktar minn elfejn u hames mitt Euro u sejra tghaddi sabiex issib htija dwar din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat. Illi minn din il-fedina, minkejja li hemm zewg sentenzi registrati, ma jirrizulta xejn alarmanti jew sentenzi registrati relatati ma dak li huwa bih imressaq f'din il-kawza.[40]
- L-imputat wera dispjacir ta' ghemilu hekk kif inhu kkonfermat fl-istqarrija tieghu.[41]
- Illi fil-mori tal-proceduri l-imputat hallas lill-parte civile somma flus rappresentanti hsarat li kkaguna lilu.

[39] Dok PC1, Folio 247 ta' l-atti processwali
[40] Folio 3-5 ta' l-atti processwali
[41] Folio 8 ta' l-atti processwali

- Illi d-difiza nhar id-29 ta' Ottubru 2020 talbet sabiex jigi mhejji *Social Inquiry Report*[42]. Illi minn dan ir-rapport irrizulta li l-imputat m'ghandux passat refrattarju u li dan l-incident sehh minhabba argument li eskala bejn il-partijiet relatati ma l-insib. Ir-rapport jindika li l-imputat ghandu hajja stabbli, jahdem, ghandu d-delizzju tieghu, jiehu hsieb u jmanti t-tfal tieghu u jimxi sew mal-genituri tieghu u ohtu. Illi gie rrakomandat li jkun ghaqli li l-imputat jibqa' jahdem buq bazi *full time* u **jinghata piena alternattiva ghal dik ta' inkarcerazzjoni.**

- Illi skond il- **Sentencing Guidelines Council (Archbold 2021)**[43] fil-gurisdizzjoni Ingliza huwa stabilit is-segwenti linja gwida ta' kif ghandha tinghata piena f'dawn it-tip ta' reati:

  *The court should determine the offence category with reference only to the factors in the tables below. In order to determine the category the court should assess **culpability** and **harm.***

  *The level of **culpability** is determined by weighing up all the factors of the case. **Where there are characteristics present which fall under different levels of culpability, the court should balance these characteristics to reach a fair assessment of the offender's culpability.***

[42] Dok GG1, Folio 230-247 ta' l-atti processwali
[43] Archbold: Sentencing Guidelines, 2nd edition to the 2021 edition, Page 811

***Culpability*** *demonstrated by one or more of the following:*

| | |
|---|---|
| ***– High culpability*** | • *High degree of planning or premeditation*<br>• *Revenge attack*<br>• *Use of accelerant*<br>• *Intention to cause very serious damage to property*<br>• *Intention to create a high risk of injury to persons* |
| ***– Medium culpability*** | • *Some planning*<br>*Recklessness as to whether very serious damage caused to property*<br>*Recklessness as to whether serious injury caused to persons*<br>*Other cases that fall between categories A and C because:*<br>*Factors are present in A and C which balance each other out and/or*<br>*The offender's culpability falls between the factors described in A and C* |
| ***– Lesser culpability*** | • *Little or no planning; offence committed on impulse*<br>• *Recklessness as to whether some damage to property caused* |

- *Offender's responsibility substantially reduced by mental disorder or learning disability*
- *Involved through coercion, intimidation or exploitation*

| *Harm*<br>*The level of harm is assessed by weighing up all the factors of the case.* | |
|---|---|
| ***Category 1*** | • *Serious physical and/or psychological harm caused*<br>• *Serious consequential economic or social impact of offence*<br>• *High value of damage caused* |
| ***Category 2*** | • *Harm that falls between categories 1 and 3* |
| ***Category 3*** | • *No or minimal physical and/or psychological harm caused*<br>• *Low value of damage caused* |

- Illi l-Qorti bla tlaqliq ta' xejn tqis li dan ir-reat kien ghal kollox kapriccjuz u li facilment seta gie evitat. Illi certament il-fatt li l-imputat stess sofra griehi gravi fuqu stess hija turija ta' kemm pogga lilu nnifsu f'periklu u kemm gab inkwiet fuq lilu nnifsu b'din l-azzjoni li saret f'sahna tal-mument.
- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

  *(a) the punishment of offenders*

*(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)*

*(c) the reform and rehabilitation of offenders*

*(d) the protection of the public*

*(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita tal-kaz u l-harsien u l-interessi tas-socjeta in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

Din il-Qorti ghandha responsabilita tara li z-zomm il-bilanc bejn dak li huwa fl-interess tas-socjeta u dak li huwa fl-interess ta' l-imputat. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju u ghalhekk tqis li l-iktar piena adegwata hija wahda alternattiva ghal piena karcerarja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 318, 325(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Darren Galea hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u tikkundannah perjodu ta' **sentejn prigunerija**, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien erba' snin (4) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hati taht **Ordni ta' Supervizjoni** ghal-perjodu ta' sentejn u dan skond il-kundizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li ghandha tifforma parti integrali ma din is-sentenza.

Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' supervizjoni wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' supervizjoni kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' supervizjoni.

Komunika: Direttur Probation u Parole
Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Darren Galea taħt **obbligazzjoni tieghu personali** għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Philip Cutajar ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Darren Galea ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' elfejn, tlett mija, wiehed

u sebghin Euro u tmienja u erbghin centezmu **(€2,371.48)** u cioe′ l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta′ l-espert perit AIC Nicholas Mallia fl-ammont ta′ €549.76.[44]
2. Spejjez tar-rapport ta′ l-espert Dr. Jonathan Joslin fl-ammont ta′ €379.34[45]
3. Spejjez tar-rapport ta′ l-espert PC 1491 Kurt Attard fl-ammont ta′ €17.47[46]
4. Spejjez tar-rapport ta′ l-espert David Borg Saydon fl-ammont ta′ €259.17[47]
5. Spejjez tar-rapport tal-*Scene of the Crime Officer* PS 122 Arthur Borg fl-ammont ta′ €48.76[48]
6. Spejjez tar-rapport tal-*Scene of the Crime Officer* PS 336 Francesco Imbroll fl-ammont ta′ €96.10[49]
7. Spejjez tar-rapport tal-*Scene of the Crime Officer* WPC 363 Caroline Meilak fl-ammont ta′ €93.75[50]
8. Spejjez tar-rapport ta′ l-espert Dr. John Sacco fl-ammont ta′ €927.13[51]

Il-Qorti tordna li kopja ta′ din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar is-16 ta′ Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[44] Folio 39 ta' l-atti processwali
[45] Folio 63 ta' l-atti processwali
[46] Folio 39 ta' l-atti processwali
[47] Folio 117 ta' l-atti processwali
[48] Folio 135 ta' l-atti processwali
[49] Folio 142 ta' l-atti processwali
[50] Folio 184 ta' l-atti processwali
[51] Folio 18 tar-rapport esebit a folio 177 ta' l-atti processwali

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**